**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI FAMILJA**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Ġuramentat numru 18/2020MV**
**fl-ismijiet:**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Illum, l-14 ta' Diċembru 2020;**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat u maħluf minn AB nhar l-21 ta' Lulju 2020 li jesponi bir-rispett:

Illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin fid-dsatax (19) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u tmenin (1987), hekk kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieg immarkat bhala Dok A.

Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom erbgħat itfal jisimhom EF, GH, IJ, KL li huma lkoll maġġorenni, għandhom iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena u lkoll jaħdmu;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt min-Nutar Josianne Mifsud tas-sittax (16) ta Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (Dok B).

Illi madanakollu huma ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn (2000).

Illi m’ hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi kwalunkwe ħlas ta' manteniment dovut bejn il-partijiet skond il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi jinsab imħallas pjenament.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -

1. Tippronunżja d-divorzju bejn il-partijiet u

2. Tordna lir-reġistratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorżju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata fil-05 ta' Awwissu 2020[1]bir-rikors, id-dokumenti u bl-Avviż tas-smiegħ.

Rat illi minkejja li debitament notifikata l-konvenuta ma ppreżentax ir-risposta.

Semgħet ix-xhieda tal-attur AB;

Rat id–dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Kif jirrizulta mir-riferta a folio 12 fuq in-naħa ta' wara tal-proċess

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur ddikjarat: Illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987); Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex; Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom erbgħat itfal, li huma lkoll maġġorenni; Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Josianne Mifsud tas-sittax (16) ta Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020); Illi madanakollu huma ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn (2000); Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress li ilhom għal aktar minn erba' snin separati de facto u t-tnejn qed jgħixu ħajja għalihom u illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet.

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-*artikolu*, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u*

*sakemm il-qorti tkun sodisfatta li: (a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-*data tas-separazzjoni legali; u (b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn ilmiżżewġin; u (ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57: Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:* [...]

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta sodisfaċentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewġu fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987);

Illi jirriżulta sodisfaċentament pruvat ukoll illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin ma jgħixux flimkien;

Illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti jirriżulta l-partijiet huma legalment separata b'kuntratt redatt min-Nutar Josianne Mifsud tas-sittax (16) ta'

Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) izda madankollu huma ilhom separate de facto sa mis-sena elfejn (2000).

Irrizulta b'mod ċar minn dak li ddikjaraw il-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddedikaw mid-dritt li jitolbu xi ħlas ta' manteniment lill-parti jew oħra skont il-liġi.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex z-zwieġ jiġi maħlul.

Illi l-partijiet talbu li l-kawża tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet stante il-mezzi finanzjarji limitati tagħhom.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur, u tippronunzja il-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. Il-Qorti tordna li l-kawża tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Maġistrat**

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur